ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 13 IT-TNEJN 21 TA' MARZU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Antoine Saliba Haig, u Marvin Zammit.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**13/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 12**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 12 li nżammet nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorna Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Ħdax**-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 12 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**13/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**13/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-laqgħa li hija kellha mal-Kabinett, hija reġgħet ressqet il-punti li kienet ressqet f'laqgħa simili preċedenti fejn iżda din id-darba għamlet enfażi fuq is-sitwazzjoni legali tal-piċċ tal-futbol fi Triq il-Belt Valletta.

**13/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li permezz tal-iskema mnedija mir-Reġjun Nofsinhar saru rampi quddiem bosta postijiet li joffru servizzi pubbliċi, bħal Day Centre, Librerija, Skejjel, Knejjes u Ċentru tas-Saħħa sabiex dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

**13/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cuttajar** infurmat li l-Kunsill jinsab għaddej bil-programm ta' bdil ta' bankini fejn saru dawk ta' Triq Ġorġ Schembri, Triq Correa, Pjazza Federico Maempel, Triq Dun Marju u fil-ġranet li ġejjin se jsiru dawk ta' Triq id-Dragun.

**13/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li bħala waħda mill-attivitajiet li l-Kunsill se jkun qed jorganizza fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi se ssir mawra fi Sqallija. Aktar dettalji jingħataw f'seduta oħra.

**13/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li l-Kunsill li huwa ppjanat li f'Jum Ħal Qormi jiġi inawgurat ix-xogħol ta' Restawr li qed isiru fuq il-Kappella ta' San Franġisk.

**13/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cuttajar** infurmat li l-Kunsill li l-MEPA approvat sabiex il-proġett ta' pavimentar ta' Triq San Pietru isir bil-fondi tal-Urban Improvement Fund, u li għaldaqstant il-proġett għandu jingħata bidu lejn l-aħħar ta' April jew bidu ta' Mejju.

**13/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li se jkun qed isiru xogħol ta' patching f'żoni rurali flimkien mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura fejn il-Kunsill se jkun qed iħallas 20% lill-Ministeru u l-ispejjeż tal-materjal. Is-Sindku fissret li permezz ta' dan il-ftehim ta' Joint Venture mal-Gvern, il-Kunsill se jkun qed jiffranka eluf ta' ewro.

**13/02/08** **Il-Kunsillier Josef Aquilina talab li jkun skużat fis-7.20. Il-Kunsill approva.**

**13/02/09** **Il-Kunsillier Robert Cremona talab sabiex il-Kunsill jagħmel minuta silenzju biex isellem it-telfa tal-Arċisqof Ġuzeppi Mercieca. Il-Kunsill żamm minuta silenzju.**

**13/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2016
**b)** *Bank Payments* Frar 2016
**c)** *Petty Cash* Frar 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**13/04** **MOZZJONIJIET**

**13/04/01** **MOZZJONI Nru 30/2016 (VII)**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din l-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi li biex il-Kunsill Lokali jagħti Gieħ Ħal Qormi għas-sena 2016 lil Dr. Kav. Carmel Bianchi, u dan*

*Peress li Carmel Bianchi, mwieled u jgħix Ħal Qormi, huwa kittieb ta' novelli, poeziji, radjudrammi u kitbiet oħrajn, fejn rebaħ numru ta' konkorsi lettararji internazzjonali*

*Peress li minn dejjem kien attiv fil-kultura lokali ta' Hal Qormi,*

*Peress li huwa personalita' li dejjem ippruvat tgħolli l-isem ta' Ħal Qormi,*

*Nipproponi li l-Kunsill Lokali jirrikonoxxi dan is-servizz tal-Kav. Carmel Bianchi permezz ta' Gieħ Ħal Qormi*

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jipremja lil Kav. Carmel Bianchi b'Ġieħ Ħal Qormi għas-sena 2016.**

**13/04/02 MOZZJONI Nru 31/2016 (VII)**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din l-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Wara li l-Kunsill iddeċieda biex joħroġ sejħa għal mili ta' vakanza ta' Operations Support Officer,*

*Peress li sadanittant il-ħaddiema li kienu assenjati fuq l-iskema tal-komunita tal-ETC ġew impjegati full-time u baqgħu assenjati mal-Kunsill*

*Peress li l-ħaddiema Simon Mifsud u Dolores Centorino qed jagħmlu dan ix-xogħol indikat fil-Job Description tal-Operations Support Officer,*

*Nipproponi biex il-Kunsill jirtira s-sejħa ta' vakanza ta' Operations Support Officer (Scale 16) u minflok jagħti allowance liz-zewg ħaddiema msemmija hawn fuq, li hija d-differenza tal-paga minima u l-paga tal-massimu ta' Salary Scale 16, biex b'hekk il-Kunsill ikun qed jinċentiva u jimmottiva lil dawn il-ħaddiema u fl-istess ħin ikun qed jiffranka paga ta' ħaddiem extra.*

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant il-Kunsill għandu jinforma lill-aġenzija li tieħu ħsieb l-impjieg taż-żewġ ħaddiema imsemmija fir-riżoluzzjoni.**

**13/04/03 MOZZJONI Nru 32/2016 (VII)**

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din l-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex jigu iffurmati il-Bordijiet tak-Għażla ta' Impjieg kif gej:*

*<u>Kuntratt ta' Tindif u Knis ta' Toroq</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*

*Membri: Jesmond Aquilina (Vici-Sindku) , Ralph Puli (Kunsillier), Charles Farrugia (Contract Manager)*

*<u>Kuntratt Manutenzjoni u Tiswija ta' Sinjali u Marki ta' Toroq</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Renald Falzon (Kunsillier), Ralph Puli (Kunsillier)*

*<u>Xiri ta' Vettura</u>*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Jesmond Aquilina(Vici-Sindku), Ralph Puli (Kunsillier), Kenneth Brincat (Segretarju Ezekuttiv)*

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni .**

**13/05 RAPPORTI**

**13/05/01 APPROVAZZJONI TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA "TINDIF U KNIS TA' TOROQ"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dokument tal-offerta dwar Servizz ta' tindif u knis tat-toroq ta' Ħal Qormi, peress li dan is-servizz wasal biex jiskadilu l-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq dan id-dokument, fejn spjega li kif inhu l-kuntratt preżenti Ħal Qormi jinsab maqsum f'żewġ Sezzjonijiet u li f'din l-offerta l-kuntratturi se jkollhom l-għażla jekk jitfgħux l-offerta tagħhom għal Sezzjoni A jew Sezzjoni B jew għal Ħal Qormi kollu.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex dan l-abbozz jiġi approvat u tkun tista' tinħareġ l-offerta.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant għandha tiġi ppubblikata l-ħruġ tal-offerta.**

**DOK 'B'**

**13/05/02** **APPROVAZZJONI TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA "MANUTENZJONI TAS-SINJALI U MARKI TAT-TRAFFIKU B'MOD FAVUR L-AMBJENT"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill id-dokument tal-offerta dwar Servizz ta' manutenzjoni tas-sinjali u marki tat-traffiku b'mod favur l-ambjent, peress li dan is-servizz wasal biex jiskadilu l-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq dan id-dokument, fejn spjega li l-kuntratt se joħroġ l-istess kif inhu l-kuntratt preżentament.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex dan l-abbozz jiġi approvat u tkun tista' tinħareġ l-offerta.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant għandha tiġi ppubblikata l-ħruġ tal-offerta.**

**DOK 'C'**

**13/05/03** **APPROVAZZJONI TAL-KUNTRATTI TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MINN GĦAQDIET KULTURALI U TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar fakkret li meta ġew ffirmati dawn il-kuntratti, dan kien sar għal sena li iżda seta' jiġi mġedded skont il-kwalita' tal-attivita' kulturali li tkun ġiet organizzata.**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ippreżenta l-iskeda tal-attivitajiet u l-fondi allokati.

**DOK 'D'**

**Il-Kunsill approva unanimament li jġedded dawn il-kuntratti kif stipulat u skont l-iskeda mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv bħala DOK 'D'.**

**13/06** **KORRISPONDENZA**

**13/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-9'**

1. Dwar korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex il-kunċert li se jkun imisshom jagħmlu fis-sena 2019, minflok isir fis-sena 2018 peress li f'din is-sena se jkun jaħbat mal-anniversarju mit-twaqqif tal-għaqda tagħhom, il-Kunsill aċċetta din it-talba u għandha tkun riflessa fil-kuntratt sussegwenti bejn l-baned.

2. Dwar korrispondenza mill-Badon Powell Scouts sabiex il-ftehim li hemm dwar l-użu tal-kamra fi Ġnien l-Armier li għadu kif skada, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-ftehim jiġi mġedded għal tlett snin oħra bl-istess kundizzjonijiet.

3. Dwar il-korrispondenza mill-MELP fir-rigward ta' talba mingħand resident sabiex jiġi maqlugħa siġar fit-Triq il-25 ta' Mejju minħabba li l-għeruq tagħhom qed jagħmlu ħsara fil-proprjeta tiegħu, fejn il-MELP wieġbu li din it-talba ma ġietx milqugħa u li minflok għandha ssir trinka fonda sal-blat u mimlija bil-konkos biex timpedi lill-għeruq ta' dawn is-siġar milli jagħmlu l-ħsara. Il-Kunsill għandu jara kemm jiġi jiswa dan l-intervent u jsaqsi jekk dan it-tip ta' intervent sarx x'imkien ieħor li f'dak il-każ jekk ħalliex l-impatt mixtieq.

4. Dwar komunikazzjoni mis-Soċjeta' Filarmonika Pinto sabiex tiġi restawrata t-Tribuna ta' Pinto, il-Kunsill irrimarka li l-Kunsill diġa beda l-proċess biex isir dan ir-restawr billi qabbad lill-perit tal-Kunsill japplika għall-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Ralph Puli xtaq jirreġistra li fil-fatt huwa kien ressaq mozzjoni f'dan ir-rigward u li kienet ġiet approvata.

5. Dwar korrispondenza mingħand numru ta' businesses li jinsab fi Triq in-Nassab dwar proposta ta' One-Way kif ukoll mill-GRTU, fejn dawn ma qablux mal-proposta tal-Kunsill u li ssuġġerew li l-one-way għandha tkun bil-kontra minn kif ġiet pproposta mill-Kunsill u mir-residenti. Il-Kunsill iħoss li għandu jagħti preċedenza lir-residenti u li għaldaqstant se jkun qed iressaq lil Transport Malta kif ġie ppropost u maqbul fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret ftit tal-ġimgħat ilu.

6. Dwar Petizzjoni mir-residenti ta' Triq il-Belt Valletta u Triq Correa sabiex issir Pedestrian Crossing fi Triq Correa u Triq Amleto Spiteri, il-Kunsill se jkun qed jgħaddi t-talba lill-perit tal-Kunsill sabiex jiġu ddentifikati postijiet fejn jistgħu isiru Pedestrian Crossings.

7. Dwar korrispondenza minn Transport Malta dwar talba li rċevew sabiex issir roundabout baxxa fi Triq il-Ħelsien kantuniera ma' Triq ix-Xitwa, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta peress li din tista' toħloq aktar aċċidenti.

8. Dwar korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jibda jiġbor l-iskart filgħaxija minfok filgħodu, il-Kunsill iddeċieda sabiex fil-kuntratt li jmiss (minn Frar 2017) il-Kunsill għandu jagħmel iż-żewġ għażliet sabiex jara jekk il-fatt li ssir il-ġabra filgħaxija tkunx tfisser rata għolja aktar milli kieku tkun filgħodu. Il-Kunsill huwa lest li jipprova li s-servizz jibda jingħata filgħaxija iżda mhux għad-detriment ta' aktar spejjeż għall-Kunsill.

9. Dwar proposta mill-Kunsillier Renald Falzon sabiex Triq il-Blata lejn tal-Blat tkun one-way, il-Kunsill qabel li jqabbad lill-perit tal-Kunsill sabiex jipprepara d-disinn u ssir konsultazzjoni mar-residenti ta' dik l-akkwata.

## 13/07 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:25 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ...................... 2016.